MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Avviz Numru. 4/2006

**Avviz numru 4/06 DM**

**Cremona Massimo**

**Vs**

**Ciappara Charles**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf seba' mija u tlett liri Maltin u tmenin centezmi (LM1,703.80c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' bejgh ta' prodotti u kunsinna ta' laham lill-konvenut u minnu mhux imhallsa.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.
Ghaldaqstant wara li semghet lill-attur bil-gurament u rat l-invoices relattivi u statement dettaljat issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghdha ghalhekk tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elf, seba' mija u tlett liri maltin u tmenin centezmi (LM 1, 703.80c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b' effett mit-28 ta' Ottubru, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------